9 ta' *Diċembru*, 1946

Imħallef:

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

il-Pulizija *versus* P.L. Joseph Diacono et.

## Kontroll tal-Materjal tal-Bini — Ġnien — Building" — Govt. Notice 9/1945.

*Id-dispożizzjoni ta' l-art. 4 tar-Regolamenti ta' l-1945 dwar il-Kontroll tal-Materjal tal-Bini, li tipprojbixxi kwalunkwe xorta ta' kostruzzjoni, rikostruzzjoni, alterazzjoni jew dekorazzjoni ta' kwalunkwe bini, mingħajr liċenza tal-Kontrollur tal-Materjal tal-Bini, ma hix applikabili meta dawk ix-xogħlijiet isiru fi ġnien. Għax il-liġi titkellem fuq "building" mingħajr ma tagħti ebda definizzjoni ta' din il-kelma għall-finijiet ta' din il-liġi speċjali; u għalhekk ma hux leċitu li jingħata lil dik il-kelma "building" ebda sens ieħor ħlief is-sens ordinarju tagħha.*

*Għaldaqstant min jagħmel dawn ix-xogħlijiet fi ġnien li ma hux ħaġa waħda ma' bini ma jirrendix ruħu ħati ta' ksur ta' dik id-dispożizzjoni.*

Fuq l-imputazzjoni illi f'dawn l-aħħar tnax-il xahar għamlu xogħlijiet, jiġifieri, iċċangaw art ta' ħamsin b'għoxrin pied, bajdu loġoġ kull naħa tad-daħla ta' Sliema Wharf, ecc., f'post magħruf bħala "Paradise Gardens", bla permess bil-miktub tal-Board għall-Kontroll *tal-Bini*, l-imsemmijin Prokuratur Legali Joseph Diacono, Paolo Diacono, Vella Paolo, Vella Nicola, u Carmelo Butigieg, b'sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta tat-2 ta' Ottubru 1946, ġew misjubin ħatjin u kundannati għall-multa ta' £5 kull wieħed minnhom;

Trattat l-appell tagħhom kontra din is-sentenza, wara li semgħet id-diskussjoni, din il-Qorti kkunsidrat;

Id-difiża eċċepiet il-preġudizzjali illi r-Regolamenti li fuqhom hi bażata l-imputazzjoni (Govt. Not. 9 ta' l-1945) ma humiex applikabili għall-każ preżenti, peress li l-fond hu "ġnien" u mhux "bini". Hu xieraq għalhekk li jiġi nvestit, qabel xejn, dan il-pont; għaliex, jekk l-argument tad-difiża hu sewwa, ma hemmx lok għal indaġinijiet oħra;

Hu ċert illi r-Regolamenti fuq imsemmija japplikaw għal "buildings". F'dawk ir-Regolamenti ma tingħatax, proprjament, ebda definizzjoni ta' "buildings"; għaliex fit-tieni re-

golament, subsect. (1), jingħad biss illi r-Regolamenti japplikaw għal "buildings of any description", u jiġu eċċettwati "buildings used or reasonably intended to be used as a dwelling or place of residence", ħlief fil-każijiet tal-proviso immedjatament *sussegwenti*. Għalhekk, għalkemm hu ċar li wieħed għandu jeskludi l-applikabilità tar-Regolamenti għall-"buildings used or reasonably intended to be used solely, as a dwelling or place of residence", ħlief fil-każijiet imsemmija fil-proviso, jibqa' dejjem illi l-liġi ma tatx ebda definizzjoni ta' "buildings", minbarra li għamlet dik ir-restrizzjoni fuq imsemmija. Għalhekk lill-kelma "building" (salva dik ir-restrizzjoni) għandu jingħata s-sens ordinarju, bla ebda estensjoni, għaliex ebda estensjoni tas-sinifikat ordinarju tal-kelma ma *għamlet il-liġi, kif setgħet għamlet*, għall-finijiet speċjali tagħha;

Minbarra dan, għandu jiġi notat tajjeb illi l-kwistjoni issa affrontata, hija mhux jekk ix-xogħlijiet allegati mill-prosekuzzjoni li saru humiex, "huma nnifishom", "buildings", imma jekk dawk ix-xogħlijiet humiex qegħdin isiru f'"building";

Id-distinzjoni hija importanti. Infatti jista' jagħti l-każ illi x-xogħol partikulari nkriminat mill-Prosekuzzjoni jikkostitwixxi per sè "building". Hekk, per eżempju, kieku wieħed jara l-ġurisprudenza ingliża, isib illi diversi drabi anki kostruzzjonijiet ta' l-injam ġew kunsidrati "buildings". Imma f'dan il-każ wieħed għandu jara mhux jekk ix-xogħol inkriminat huwiex "building" hu stess, iżda jekk ix-xogħol huwiex qiegħed isir f'"building". Infatti jidher ċar mil-art. 4 tar-Regolamenti, illi l-liġi tikkolpixxi "any operation done in the construction, reconstruction, alteration, repair, or decoration, of any building". Minn dawn il-kliem jidher ugwalment ċar illi, biex ix-xogħol ("Operation") jista' jiġi nkriminat, hemm bżonn li jkun sar "in any building", altrimenti ma jaqax taħt ir-Regolamenti, għaliex dawn jirrigwardaw "buildings";

Issa ma hux kontrastat, u deher mill-provi, illi x-xogħlijiet f'dan il-każ huma allegati li saru fil-"ġnien" ta' Villa Bonnici, u lanqas deher kontrastat fit-trattazzjoni illi l-appellanti għandhom x'jaqsmu biss mal-ġnien ta' Villa Bonnici u

ma għandhomx x'jaqsmu mal-fabbrikat. Għalhekk il-pont hu: Ġnien jista' jitqies "building"?

Kif ingħad, il-liġi ma testendix is-sinifikat *ordinarju* tal-kelma "building". Jekk wieħed jeżamina ftit id-diversi deċiżjonijiet li jinsabu riportati fil-ktieb "Words and Phrases Judicially Defined" ta' Roland Burrows (1943 Edit., Vol. I, paġ. 346), għandu jsib illi din il-kema "building", bħala sostantiv, tat lok għal bosta diskussjonijiet fil-Qrati Ingliżi; u l-Imħallef Byles, fil-kawża Stevens vs. Gurley, 1859, 7 C.B. N.S., kien osserva illi "no general definition can be given, and our lexicographers have not attempted it". Però, mid-diversi deċiżjonijet wieħed jista' jiġbor illi bil-kelma "building" wieħed għandu raġjonevolment jifhem "a structure" (ara deċiżjoni ċitata u ara Fielding vs. Rhyl Improvement Commrs. 1878, 3 C.P D.), ossija "an enclosure of brick and stone-work covered over by a roof" (Moir vs. Williams, 1892, 1 Q.B. 264, C.A. per Lord Esher at pp. 269-270), ossija "erections" (ara Boyce vs. Paddington Borough Council 1903, 1 Ch. 109 per Buckley J. pp. 116-117). Anki jekk wieħed jirrikorri għal-liġi bażiljari maltija, li hija l-Kodiċi Ċivili, Kap. 23, jidher ċar mill-art. 345 (a) illi l-liġi tagħmel distinzjoni bejn "lands" u "buildings". Dana apparti r-rifless illi, fil-lingwaġġ komuni, ħadd qatt ma ħaseb li "ġnien" isejjaħlu "bini";

Għalhekk din il-Qorti hi ta' opinjoni illi ladarba fil-liġi, u sakemm fil-liġi, ma hemm ebda klawsola interpretativa li testendi s-sinifikat tal-kelma "building" aktar 'il hemm mis-sinifikat ordinarju u naturali, "ġnien" *ma jistax jitqies* "building";

Lanqas jista' f'dan il-każ il-ġnien jitqies bħala "adjunct" *tal-fabbrikant*, għaliex (1) *ma hux kontrastat (kif intqal fuq)* li l-appellanti ma għandhomx x'jaqsmu mal-fabbrikat, imma għandhom f'idejhom il-ġnien tal-villa biss bħala ħaġa separata, (2) il-liġi *tirriferixxi* għal "*every building*", *u ma ssemmix* "part of a building" (blief fl-eċċezzjoni għar-rigward tad-"dwelling house"); u (3) ankorkè kien jingħad "part of a *building*", dan kien *jista' jfisser* biss *ħaġa formanti parti* integrali mid-dar, bħal, per eżempju, bitħa, u mhux ġnien, li, partikolarment fiċ-ċirkustanzi tal-fattispeċje, hu entità separata. Anzi, fil-ġurisprudenza *ingliża*, "lawn" ġiet eskluża

mis-sens ta' "building", avvolja fil-każ riferit minn kellu l-"lawn" kellu wkoll il-fabbrikat (ara Vol. fuq ċitat, paġ. 350, deċiżjoni Smith vs. York Race Committee 1934, 1 K.B. 517 per Finley J.);

Għal dawn ir-raġunijiet il-każ ta' l-appellanti, almenu "in lege condita", ma jaqax taħt ir-Regolamenti, għaliex ix-xogħlijiet, jekk saru, saru fi ġnien, li ma hux "building";

Konsegwentement il-Qorti tiddeċidi;

Billi tilqa' l-appell, tħassar is-sentenza appellata, tiddikjara l-appellanti mhux ħatjin, u tordna li jiġu liberati.